MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1539/2005

**Angela sive Lina Sapiano u binha Carmelo Sapiano**
**vs**
**Paul Barbara u martu Carmen Barbara**

It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat fid-19 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' elf mija u disghin lira Maltija (Lm1190) rapprezentanti bilanc ta' kera dovuta fuq il-fond bin-numri 115B u 115C Valley Road Msida ghall-iskadenzi mit-30 ta' Settembru 2001 sat-29 ta' Settembru 2005, bl-imghax mid-9 ta' Dicembru 2004 u bl-ispejjez inkluz dawk taz-zewg ittri legali.

Ra r-risposta tal-konvenuti konjugi Barbara li permezz taghha qalu li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, salv eccezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti esebieti u sema x-xhieda ta’ l-attur Carmelo Sapiano, u tal-konvenut Paul Barbara.

Sema t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-kontendenti.

Ra l-verbal ta’ l-udjenza mizmuma fis-6 ta’ Dicembru 2005 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Jirrizulta mill-atti processwali li l-atturi huma propretarji tal-fond 115B u 115C Valley Road Msida liema fond huwa mghoti b’titolu ta’ lokazzjoni lill-konvenuti.

Dan il-fond kien mikri versu l-hlas ta’ kera ta’ Lm300 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem. Fid-9 ta’ Dicembru 2004 inghatat sentenza mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawza Paul Barbara et vs Angela sive Lina Sapiano et (rikors numru 61/01JC) li permezz taghha l-kera ghall-fond de quo giet iffissata f’l-ammont ta’ Lm340 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem u dan b’effett mit-30 ta’ Settembru 2001 (ref Dok AS2 a fol 24 et seq tal-process). Din is-sentenza ma gietx appellata u ghalhekk illum hija res judicata (ref Dok AS3 a fol 21 tal-process).

Fil-fatt ma jidhrx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-pagamenti in kwistjoni huma dawk mill-iskadenza tat-30 ta’ Settembru 2001 u l-kera dovuta ghall-iskadenzi pendenti ghandha tigi kalkolata bir-rata stabbilita mill-Bord u cioe Lm340 fis-sena.

Jirrizulta mill-atti li minn meta giet stabbilita l-kera mill-Bord l-konvenuti ghamlu zewg pagamenti ta’ Lm85.00 il-wiehed li gew accettati mill-atturi. Il-konvenuti ghamlu pagament iehor ta’ Lm170 permezz ta’ cheque datat 5 ta’ Ottubru 2005 (cioe waqt il-mori ta’ dawn il-proceduri); ic-cheque ma ssarrafx mill-atturi pero ma giex ritornata u ghadu fil-possess taghhom. Il-konvenuti ghamlu pagament iehor ta’ Lm205 fil-28 ta’ Frar 2005 (cioe ukoll fil-mori tal-proceduri) pero dan ma giex accettat mill-attrici u c-cheque gie ritornata (ref Dok D a fol 7 tal-process).

Il-konvenuti kienu ghamlu ukoll xi depoziti l-Qorti (ref Doks PB1 sa PB8) pero dawn saru bir-rata l-antika (fil-mori tal-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera) u ma jkoprux l-iskadenzi kollha li lahqu ddekorrew waqt il-prosegwiment tal-kawza quddiem il-Bord. Minn dawn il-pagamenti li tnaqqsu l-ispejjez tad-depozitu. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-atturi kienu gustifikati li ma jizbankjawx dawn id-depoziti ladarba dawn kienu bir-rata l-antika u bl-ispejjez imnaqqsa minnhom.

Ghalhekk jirrizulta li mill-erba skadenzi pendenti, u cioe dawk mit-30 ta' Settembru 2001 sal-29 ta' Settembru 2005 (Lm1,360) saru u gew accettati zewg pagamenti ta' hamsa u tmenin lira Maltija (Lm85) il-wiehed u konsegwentement baqa bilanc favur l-atturi ta' elf mija u disghin lira Maltija (Lm1190), dan huwa l-ammont pretiz minnhom u reklamat permezz ta' dan l-avviz.

It-Tribunal pero ma jistax jinjora l-fatt li l-atturi ghandhom f'idejhom *cheque* validu (jiskadi fil-5 ta' April 2006) ghall-ammont ta' mija u sebghin lira Maltija (Lm170) li ghad jista' jissarraf minnhom. Ghaldaqstant l-ammont attwalment dovut lill-atturi huwa ta' elf u ghoxrin lira Maltija (Lm1,020).

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf u ghoxrin lira Maltija (Lm1,020) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz. L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------